

4.4.2024

A9-0070/115

Emenda 115

Marian-Jean Marinescu

f' isem il-Grupp PPE

Rapport

A9-0070/2024

Pascal Canfin

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport li jibdew ***jew*** jintemmu fit-territorju tal-Unjoni.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport li jibdew ***u*** jintemmu fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/116

Emenda 116
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin

A9-0070/2024

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament japplika għal ***kwalunkwe entità li tipprovdi jew torganizza*** servizzi tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Unjoni ***li tikkalkula*** l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport li jibda ***jew*** jispiċċa fit-territorju tal-Unjoni ***u li tiddivulga*** informazzjoni diżaggregata dwar dawk l-emissjonijiet lil kwalunkwe parti terza ***għal finijiet kummerċjali jew regolatorji.***

Dan ir-Regolament japplika għal:

(a) entitajiet li jipprovdu jew jorganizzaw servizzi tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Unjoni ***li jikkalkulaw*** l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport li jibda ***u*** jispiċċa fit-territorju tal-Unjoni, ***u li jiddivulgaw*** informazzjoni diżaggregata dwar dawk l-emissjonijiet lil kwalunkwe parti terza;

(b) intermedjarji tad-data li jikkalkulaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u mhux biss jiddivulgaw informazzjoni dwar dawk l-emissjonijiet ipprovduta minn entità kkonċernata jew persuna ġuridika jew fiżika rilevanti oħra.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/117

Emenda 117
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin
Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

A9-0070/2024

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) “entità kkonċernata” tfisser entità li tikkalkula l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport li jibda **jew** jispiċċa fit-territorju tal-Unjoni u li tiddivulga informazzjoni dwar dawk l-emissjonijiet lil kwalunkwe parti terza, għal finijiet kummerċjali jew regolatorji;

Emenda

(12) “entità kkonċernata” tfisser entità li tikkalkula l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport li jibda **u** jispiċċa fit-territorju tal-Unjoni u li tiddivulga informazzjoni dwar dawk l-emissjonijiet lil kwalunkwe parti terza, għal finijiet kummerċjali jew regolatorji;

Or. en

4.4.2024

A9-0070/118

Emenda 118
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin

A9-0070/2024

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport għandhom ***jigħu kkalkolati abbażi tal-metodoloġija definita fl-istandard EN ISO 14083:2023, fil-verżjoni aġġornata tiegħu, u tar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.***

1. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport għandhom ***jinkludu:***

(a) is-sehem well-to-wheel tal-emissjonijiet relatati mas-servizz tat-trasport;

(b) is-sehem tal-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni, il-manutenzjoni u t-tmiem tal-ħajja tal-vettura użata mis-servizz tat-trasport.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/119

Emenda 119
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin

A9-0070/2024

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra well-to-wheel tas-servizzi tat-trasport għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-metodoloġija definita fl-istandard EN ISO 14083:2023, fil-verżjoni aġġornata tiegħu, u tar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/120

Emenda 120
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin
Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

A9-0070/2024

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Is-sehem tal-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni, il-manutenzjoni u t-tmiejn tal-ħajja tal-vettura użata mis-servizz tat-trasport għandu jiġi kkalkulat bl-użu ta' valuri prestabbiliti fil-bażi tad-data ewlenija tal-UE, abbażi tal-metodoloġija żviluppata mill-Kummissjoni.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/121

Emenda 121
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin
Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

A9-0070/2024

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu.

Dik il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq il-metodoloġiji tal-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja (LCA) derivati mill-metodoloġiji għall-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja żviluppata f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/631, ir-Regolament (UE) 2023/1542 u r-Regolament (UE) 2019/1242. Għas-settur marittimu, tal-avjazzjoni u tal-ferroviji, jistgħu jitqiesu l-aħħar standards internazzjonali, fejn xieraq.

Or. en